MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 17/2012

**YVONNE GARCIA**

**Vs**

**DIRETTUR TAS-SIGURTA SOCJALI**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tat-12 ta’ Lulju 2012, fejn l-Arbitru ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“L-Arbitru:-*

*Ra l-appell*

*Ra r-risposta*

*Ikkunsidra*

*Illi l-appellanti Yvonne Garcia giet infurmata li l-ghajnuna socjali kienet giet imwaqqfa peress li naqset li tikkomunika mal-ufficcju distrettwali meta hekk mitluba.*

*Illi l-appellanti Yvonne Garcia prezentat l-appell taghha permezz ta' ittra datata 26 ta' Lulju 2011. Illi d-Dipartiment rrisponda b'ittra datata 8 ta' Frar 2012.*

*Illi jirrizulta li meta sa fl-ahhar attendiet l-ufficcju hija naqset li tipproduci d-dokumenti lilha mitluba. Avolja kienet imsiefra hija naqset li anke din ic-cirkostanzi tirraportha.*

*L-appell qed jigi michud."*

Fil-kontestazzjoni ta' din id-decizjoni appellat ir-rikorrenti tressaq l-aggravju illi l-għajnuna meritata ġiet imwaqqfa b'konsegwenza ta' neglizenza u zbalji skjaċċanti min naħa tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali. Tilmenta wkoll mill-fatt illi l-unika opportunita li hija ingħatat biex tissodisfa dak rikjest minnha kien biss wara li kellha tirrikorri għall-appell mid-deċiżjoni tad-Direttur u ċioe fil-11 ta' April 2012. Fl-ahhar aggravvju minnha interpost issostni illi s-safra maghmula minnha bejn it-8 ta' Novembru 2010 u s-26 ta' Marzu 2011 ma għandha l-ebda rilevanza stante illi matulha hija kienet ġiet skwalifikata milli tirċievi il-benefiċċju soċjali.

Dwar it-tielet aggravju, din il-Qorti tosserva illi l-appellat id-Direttur tas-Sigurta Soċjali fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu irrileva illi huwa jaqbel mal-appellanti Yvonne Garcia illi s-safra li għaliha jagħmel riferenza l-arbitru tassew ma kellha ebda relevanza. Di fatti fid-deċiżjoni tiegħu d-Direttur appellat ma għamel l-ebda riferenza għas-safra izda ibbaża tali deċiżjoni fuq in-nuqqas tal-appellanti Yvonne Garcia illi tipproduċi d-dokumenti rikjesti mid-

Dipartiment kif kellha l-obbligu illi tagħmel ai termini tal-artikolu 97 (1) (b) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-atti tal-kaz quddiem l-Arbitru jirrizulta dan li gej:-

L-appellanti Yvonne Garcia applikat għall-għajnuna soċjali fl-4 ta' April 2011. Hija bdiet tirċievi tali għajnuna mid-9 ta' April 2011.

Intbgħatet ittra rreġistrata lill-appellanti Yvonne Garcia fejn permezz tagħha intalbet tipproduċi d-dokumenti in sostenn tal-jedd għal għajnuna soċjali

Illi d-Direttur tas-Sigurta Soċjali jgħid illi l-appellanti Yvonne Garcia rċeviet din l-ittra fl-14 ta' Ġunju 2011, mentri l-appellanti tgħid illi hija irċevietha fit-23 ta' Ġunju 2011

Id-Direttur tas-Sigurta Soċjali jgħid li d-data riferuta fl-ittra hija dik id-data meta l-appellanti Yvonne Garcia irċeviet l-ittra u illi l-ġimgħa mogħtija lill-appellanti Yvonne Garcia sabiex tipproduċi tali dokumenti bdiet tiddekorri mid-data ta' l-14 ta' Ġunju 2011

Illi l-appellanti Yvonne Garcia tgħid illi hija ma ingħatatx dik il-ġimgħa ċans sabiex tipproduċi d-dokumenti rikjesti. Da parti tiegħu, id-Direttur tas-Sigurta Soċjali jgħid illi d-dokumenti mitluba mill-appellanti Yvonne Garcia baqgħu qatt ma tressqu.

Illi b'konsegwenza tal-fatt illi l-appellanti Yvonne Garcia naqset milli tipproduċi d-dokumenti mitluba minnha, id-Direttur appellat ddeċieda li l-appellanti Yvonne Garcia m'għadhiex intitolata għall-għajnuna soċjali.

Jirriżulta illi l-għajnuna soċjali ġiet fil-fatt imwaqqfa lill-appellanti Yvonne Garcia fit-8 ta' Lulju 2011.

Illi l-appellanti Yvonne Garcia appellat min din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru li permezz ta' deċiżjoni datata 12 ta' Lulju 2012 kkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur appellat;

Jirrizulta illi sussegwentement fit-23 ta' Frar 2012, l-appellanti Yvonne Garcia applikat mill-ġdid għall-għajnuna soċjali fejn it-talba taghha giet milqugha mid-Dipartiment u hija bdiet tirċievi l-għajnuna soċjali mill-25 ta' Frar 2012 'il quddiem.

Id-decizjoni tad-Direttur li jissospendi l-assistenza hi minnu stess artikolata fuq id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 97 (1)(b) ta' l-Att dwar is-Sigurta Socjali. Dan jipprovdi ili "***tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna ghal xi beneficcju, pensjoni, allowance, ghotja ghal korriment jew ghajnuna moghtija taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li (b) tipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda ghall-fini li jigi stabbilit il-jedd taghha ghal dak il-beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li d-Direttur jista', minn zmien ghal zmien, jehtieg u ghal dak il-ghan tmur f'dak l-ufficcju jew post kif id-Direttur jista' jistabilixxi***";

Dwar din id-disposizzjoni tal-liġi il-Qrati tagħna qalu hekk:

***"Guridikament apprezzata u interpretata ma jistax ikun hemm l-icken dubju illi d-disposizzjoni ghandha l-iskop li tinkulka fil-beneficjarju l-adempiment tad-doveri mistennija minnu, anke ghaliex tirrapprezenta l-metru ta' dak il-komportament li hu kellu jsegwi ghall-ghoti (jew tal-kontinwazzjoni taghha) ta' l-assistenza spettata minnu bl-applikazzjoni;***

***B'mod mill-aktar evidenti l-kanoni tal-kondotta inkombenti fuq l-appellanti kienet in bazi ghall-imsemmija disposizzjoni dik li hi tirrispetta u tezegwixxi l-obbligazzjoni kollaterali taghha li tikkopera mad-Dipartiment u li tghaddilu l-informazzjoni u d-dokumenti li talabha. F'dan ma hemm xejn gdid li ma nsibux ukoll f'rapporti obbligatorji ohra traccjati fil-ligi komuni, u b'mod partikolari, taht il-Kodici Civili. Imperanti l-komportament tal-korrettezza u tal-bwona fede, sija fl-interess proprju kif ukoll b'salvagwardja ghall-interessi tal-kontraenti l-iehor.***

***In-nuqqas ta' l-osservanza ta' komportament bhal dan igib b'konsegwenza illi l-parti fi htija tista' ssib ruhha f'qaghda fejn id-dritt taghha ma jibqax aktar tutelat. Mhux dan biss, ghax ukoll il-kondotta negattiva taghha tista' tkun soggett ta' sanzjoni. F'dan il-kaz, kif hekk gara, li l-ghajnuna prevedenzjali ma tkomplix tigi prestata lilha. Sa hawn allura l-appellanti ma tistax tlum lid-Direttur appellat li zamm lura milli jkompli jerogolha l-assistenza, ghaliex id-decizjoni tieghu kienet teknikament u legalment fondata;***

***L-osservanza tal-ligi hi haga altament desiderabbli u kull beneficjarju li jircievi l-assistenza mill-gid tal-kollettivita` ghandu jifhem li s-skiet u n-nuqqas ta' kolloborazzjoni tieghu ghandhom il-limiti taghhom u, anzi, jitraducu ruhhom f'dannu ghalih.*** (5 ta' Marzu, 2010 Appell Civili Numru. 16/2009 Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta` Socjali. Ara ukoll Tania Galea vs Direttur tas-Sigurta` Socjali Qorti tal-Appell tat-13 ta' April, 2011 Appell Civili Numru. 20/2010)

Jirriżulta mill-atti illi d-Direttur ħa d-deċiżjoni li jissospendi l-assistenza lill-appellanti għaliex skond huwa, l-appellanti naqset milli tmur fl-uffiċċju

distrettwali fiż-żmien stipulat minnu, sabiex hemmhekk hija tipproduci dawk id-dokumenti, kif kien mitlub minnha fl-ittra mibgħuta lilha.

Jibda sabiex jingħad illi minkejja illi fl-ittra ġie speċifikat lill-appellanti illi kien qiegħed jingħatalha sebat ijiem żmien sabiex hija tipproduċi d-dokumentazzjoni mitluba minnha, l-ittra (illi tagħha fil-proċess ġiet eżebita biss fotokopja) hija bla ebda data. Għaldaqstant sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni jekk l-appellanti issodisfatx dan l-obbligu mitlub minnha, jeħtieġilha tkun taf id-data meta l-ittra attwalment waslet għand l-appellanti. Dwar din id-data il-partijiet ma jaqblux. Id-Direttur tas-Sigurta Soċjali jgħid illi l-appellanti Yvonne Garcia rċeviet din l-ittra fl-14 ta' Ġunju 2011; mentri l-appellanti tgħid illi hija irċeviet l-ittra fit-23 ta' Ġunju 2011 Jirriżulta minn fol 45 tal-proċess illi fl-14 ta' Ġunju 2011 saret id-*delivery request* mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali. Imbagħad jirriżulta minn dokument immarkat YGMP a fol 34 illi d-*delivery* fil-fatt saret fit-23 ta' Ġunju 2011. Jiġifieri is-sebat ijiem żmien illi ingħatat l-appellanti sabiex tipproduċi d-dokumentazzjoni meħtieġa, kellhom jibdew jiddekorru mid-data tat-23 ta' Ġunju 2011, li hija d-data meta l-ittra giet imwassla mill-ufficjali tal-posta lill-appellanti, ġialadarba l-ittra ma kenitx tispeċifika mod ieħor u peress illi din kienet bla data. Jiġi osservat illi d-deċiżjoni tad-Direttur illi jissospendi l-benefiċċju soċjali tal-appellanti attwalment ittieħdet fit-28 ta' Ġunju 2011, u għaldaqstant it-terminu tas-sebat ijiem żmien illi ngħatat l-appellanti mid-Direttur ma kenux għadhom għaddew.

Għaldaqstant kien prematur da parti tad-Direttur illi jittermina l-benefiċċju soċjali tal-appellanti.

**<u>Konklużjoni</u>**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru tat-12 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax, u konsegwentement id-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta Soċjali tat-tmienja u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax, u tilqa' dan l-appell. Tordna lid-Direttur tas-Sigurta Soċjali jawtorizza l-arrettrati lill-appellanti mid-data tat-28 ta' Ġunju 2011 illi hija d-data meta ittieħdet id-deċiżjoni tad-Direttur sabiex il-benefiċċju jitwaqqaf, sal-25 ta' Frar 2012, li hija d-data minn meta l-benefiċċju reġa beda jingħata, fuq applikazzjoni ġdida tal-appellanti.

Bl-ispejjeż kollha kemm ta' din l-istanza kif ukoll dawk quddiem it-Tribunal kontra d-Direttur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------